

Brussell, 29 ta' April 2015

8450/15

SOC 274
EMPL 162

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/KUNSILL
Nru dok. preċ.: 7183/15 SOC 176 EMPL 96	
Suġġett:	Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema
	- Ħatra tas-Sinjura Monica LIPPOLIS, membru supplenti għall-Italja, minflok is-Sinjura Iolanda VALERIA, li rriżenjat

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sinjura Iolanda VALERIA bħala membru supplenti tal-Kumitat ta' hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern (għall-Italja).
2. Skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-Gvern tal-Italja nnomina lill-kandidata li ġejja għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2016:

Is-Sinjura Monica LIPPOLIS
Funzionario Div III DG Politiche Attive, I servizi per il lavoro e la formazione
Ministero del Lavoro e delle Politiche Sociali
Tel + 390646834154
Indirizz elettroniku: m.lippolis@lavoro.gov.it

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex:
- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill meħmuża li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema, u
 - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu.

Billi:

- (1) Fid-Deċiżjoni tiegħu tal-25 ta' Settembru 2014², il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-perijodu li jintemm fl-24 ta' Settembru 2016.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sinjura Iolanda VALERIA, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.
- (3) Il-Gvern tal-Italja ppreżenta nomina għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.

² ĠU C 338, 27.9.2014, p. 21.

Artikolu 1

Is-Sinjura Monica LIPPOLIS hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema minflok is-Sinjura Iolanda VALERIA għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2016.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President